

Brussell, 2 ta' Frar 2016
(OR. en)

5488/16

ENV 22
ENT 14

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	5120/16 ENV 2 ENT 1 + ADD 1
Suġġett:	Direttiva tal-Kummissjoni ../.../UE ta' XXX li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw - Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni

1. Billi l-miżuri previsti huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat rilevanti, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' miżuri¹ msemmi hawn fuq għal skrutinju f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5a(3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.²

¹ 5120/16 +ADD 1 - D040865/02.

² Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23), kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-abbozz ta' miżuri permezz ta' proċedura informali bil-miktub u qabel li ma hemm l-ebda raġuni għaliex il-Kunsill għandu jopponi l-adozzjoni tagħhom.³
3. Is-Segretarjat Ġenerali għalhekk jissuġġerixxi li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma hemm l-ebda raġuni għaliex għandu jkun hemm oppożizzjoni għall-abbozz ta' miżuri. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma jopponihomx, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri proposti f'konformità mal-Artikolu 5a(3)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.

³ L-Artikolu 5a(3)(b) jipprevedi li l-Kunsill jista', billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jopponi l-adozzjoni ta' miżuri bħal dawn għar-raġuni li jeċċedu s-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fl-istrument bażiku, li ma jkunux kompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-istrument bażiku jew li ma jkunux konformi mal-prinċipji ta' sussidjarjetà jew ta' proporzjonalità.